MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 333/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**KONTRA**

**RENALD BARBARA iben Paul u Vincenza nee' Fenech, imwieled Tal-Pieta' nhar il-25.02.1981, u residenti fil-fond numru 29, Triq ir-Repubblika, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' numru 129981M;**
**U JOANNE FENECH, bint il-mejjet Charles u Victoria nee' Galea, imwielda tal-Pieta' nhar l-14.11.1981, residenti fil-fond numru 29, Triq ir-Repubbika, Rabat, detentrici tal-karta tal-identita' numru 625381M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Renald Barbara** u **Joanne Fenech** li gew akkuzati talli:

1. Nhar it-12 ta' April, 2004, wara nzul ix-xemx, dahlu fil-fond maghruf bhala "Mare d'Oro", li qieghed fil-post maghruf bhala 'Shipwreck Promenade', Xemxija, minn fejn serqu diversi oggetti, cioe' sufani, kolonni, qsari tal-gebel, cushions, tazzi, kif ukoll T-shirt, li l-valur taghhom taghhom jeccedi l-Lm100.00 izda anqas minn Lml,000.00 liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin u dan ghad-dannu ta' Raymond Vella mill-Melllieha;

2. **Lil Renald Barbara wahdu** talli b'ghemilu kiser il-kundizzjonijiet li kienu gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta billi fit-12.11.2003 kien instab hati ta' diversi delitti u kien gie liberat taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jikkommettix delitt iehor fi zmien tlitt snin mill-imsemmija data.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom; kif ukoll li ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Paul Bond dwar is-serqa minnu nvestigata gewwa l-fond Mare d'Oro, Shipwreck Promenade, Xemxija. Qal illi rcieva nformazzjoni li r-res furtiva kienet tinstab mohbija go vettura CAI602.

Ezebixxa rizultat ta' din l-investigazzjoni stqarrijiet ta' Renald Barbara Dok RB, u dik ta' Joanne Fenech Dok JF.

Gie ezebit ukoll b'mod formali l-van ezebit bhala Dok RB1.

Ezebixxa wkoll erba' kopji ta' sentenza moghtija fil-konfront ta' Renald Barbara.

In kontro ezami kkonferma li sid il-fond misruq kien ikkonfermalu li l-istess fond kien maghluq b'katnazz.

WPS 171 Liliana Mifsud xehdet illi sabet il-van fejn San Wistin, liema van kien mghobbi bl-affarijiet. Dan ratu mill-hgieg u nfurmat b'dan lill-Ispettur Paul Bond.

Carmelo Cremona in rapprezentanza tal-Caritas xehed illi Renald Barbara kien, dak iz-zmien (2010), sejjer tajjeb hafna.

Rat ukoll id-deskrizzjoni tal-fond kif deskritt mill-espert arkitett, il-Perit Richard Aquilina, cioe' li l-post kien ilu maghluq fuq sena u kien jinsab f'lokalita' pjuttost imwarrba fejn fix-xhur tax-xitwa jkun hemm ftit residenti.

Rat ukoll iz-zewg stqarrijiet rilxxati mill-ko-imputati rispettivament. Ghalhekk Joanne Fenech hawn ikkonfermat illi dahlet mal-ko-imputat gewwa l-fond 'Mare d'Oro'. Tghid illi kien hemm bieb ta' garaxx miftuh, shutters miftuhin, u hafna twieqi miftuhin. Qalet illi dahlu fil-fond biex jaraw x'hemm. Qalet ukoll li fil-fond kien hemm erba' cushions, ftit tazzi, balavostri tal-gebel, qsari, u flokkijiet. Qalet illi hadu dawn l-affarijiet u ghabbewhom fil-van. Ikkonfermat anke li qabbdu huggiega. Qalet ukoll illi ghalqet shutter bil-katnazz. Qalet pero li sabuh miftuh. Ghaliha dan ma kinx serq stante li ma kinx hold-up jew sgass.

Minn naha tieghu Renald Barbara dwar il-Mare d'Oro, qal fl-istqarrija li daru ma' dan il-fond u rawh abbandunat. Dahlu hemm. Ikkonferma anke li qabbdu huggiega mal-art biex ikunu jistghu jaraw. Ikkonferma li minn hemm ittiehdu cushions, tazzi, flokkijiet, u kolonni. Ghalih is-sid kien harab, allura haseb illi jekk kien hemm xi haga tghodd ghalih seta' johodha.
Ghalih dan kollu ma kinx serq stante li kien gie nfurmat li kien ser jitkisser u jintrema kollox. Qal illi dan seta' jaghmlu stante li zmien qabel kien ha aluminium minn lukanda li kienet qed titwaqqa' gewwa Bugibba. Ghalih la s-sid kien harab - kif kien gie nfurmat, allura ma ridhomx. Ikkonferma li l-oggetti li hadu kienu kollha mqallbin mal-art.

Ikkunsidrat:

Illi varji kienu s-sentenzi Kostituzzjonali li ddeterminaw il-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati qabel l-emendi tas-sena 2010. Certament dawn l-istqarrijiet ittiehdu skont il-

Ligi vigenti f'dak iz-zmien. Senjalament l-oggetti misruqa nstabu ghand u fil-van ta' Renald Barbara.

Ghandu jigi premess illi kif xehed Brian Farrugia ghad-Direttur tat-Traffiku dak iz-zmien, il-van CAI602 Ford Transit kien registrat fl-20 ta' Jannar, 2004 fuq Renald Barbara ID 129981M.

Illi mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina rrizulta wkoll illi f'dan il-van Transit kien hemm ghadd ta' mhaded simili ghal dawk li kien hemm fil-fond.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza stiednet lill-Qorti tikkonsidra r-res furtiva bhala 'res derelictus', cioe' merca abbandunata stante li z-zewg imputati ta' hekk kienu bil-hsieb - jghidu li la l-post kien abbandunat allura jsegwi f'mohhhom li kellhom id-dritt jidhlu u jiehdu kull ma joghgobhom. Ghalihom allura la s-sid abbanduna l-post kien qisu qed jaghti kunsens tacitu li seta' jigi spossessat minn gidu. Zbaljat hafna dan il-kuncett!!

Illi certament iregi hawn kuncett ben stabbilit fil-Ligi taghna li dak li jintqal fi stqarrija ta' ko-imputat ma jista' qatt jaghmel prova fil-konfront ta' ko-imputat iehor. Din il-Qorti allura tista' mill-provi prodotti u kkonstatati dwar il-vettura CAI602 u dak mistqarr mill-imputat, issib htija fil-konfront ta' Renald Barbara u dan wara li rat l-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti a folio 40 – 51 fil-konfront ta' Renald Barbara. Rat ukoll ix-xhieda tal-Ispettur David Saliba dwar l-identita' ta' Renald Barbara (Dok E). Rat illi din is-sentenza ggib id-data tat-22.01.2001 fejn l-istess Renald Barbara gie mqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlitt snin. Gie kkundannat ukoll ghal multa. Rat ukoll is-sentenzi l-ohra ezebiti. Issib ghalhekk ukoll htija fil-konfront ta' Barbara fejn si tratta r-recidiva, pero tilliberah mill-ksur taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista' li

r-reati addebitati jirrisalu ghal April u l-Ordni ta' Probation skadiet f'Jannar 2004.

Tqis illi l-akkuzi dwar licenzja u polza ta' assigurazzjoni ma gewx pruvati, allura Barbara ghandu jigi liberat mill-istess.

Mela fil-konfront ta' Renald Barbara din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 49, 50, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-imsemmi Kapitolu u tikkundannah ghal piena karcerjara ta' tmintax(18)-il xahar, u dan anke wara li rat il-fedina penali tieghu.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Renald Barbara ghall-ispejjez peritali ammontanti ghal €381.19;
Rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna l-konfiska tal-vettura Ford Transit CAI602.

Fil-konfront ta' Joanne Fenech, stante li ma kien hemm ebda prova ohra ghajr dak li hi qalet fl-istqarrija taghha, prova ghalhekk isolata ghaliha wahidha, din il-Qorti qieghda tilliberaha mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------